



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2019  
(OR. en)

14941/19  
ADD 1  
LIMITE  
PV CONS 71  
RELEX 1141

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Affarijiet Barranin)  
9 ta' Diċembru 2019

## **WERREJ**

**Pàġna**

### **Attivitajiet mhux leġislattivi**

|    |                                                                                                                                         |   |
|----|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---|
| 3. | Ġrajjet kurrenti .....                                                                                                                  | 3 |
| 4. | Relazzjonijiet UE-Afrika, bil-ħsieb ta' tħejjijiet għal-laqgħat ministerjali u ta' livell ta' summit UE-UA li ġejjin .....              | 3 |
| 5. | Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, b'mod partikolari fid-dawl ta' Jum id-Drittijiet tal-Bniedem ..... | 3 |
| 6. | Affarijiet oħra .....                                                                                                                   | 3 |

\*\*\*

## Attivitajiet mhux leġislattivi

### 3. Ġrajjet Kurrenti

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mir-Rappreżentant Għoli dwar il-perspettiva għall-Kunsill Ewropew ta' Diċembru, il-Bolivja, il-Libja, Hong Kong, l-Iran/PAKK u r-Repubblika tal-Moldova.

### 4. Relazzjonijiet UE-Afrika, bil-ħsieb ta' tħejijiet għal-laqqhat ministerjali u ta' livell ta' summit UE-UA li ġejjin

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu diskussjoni b'ħarsa lejn il-ġejjieni tar-relazzjonijiet UE-Afrika li ser tikkontribwixxi għat-tħejija ta' strateġija komprensiva ġdida tal-UE dwar l-Afrika. Il-Ministri qablu dwar il-ħtieġa għal strateġija komprensiva, li għandha titħejja flimkien mas-sħab Afrikani, u li tkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet relatati mar-relazzjoni UE-Afrika, fosthom il-qasam diġitali, iż-żgħażaġh u l-klima.

### 5. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, b'mod partikolari fid-dawl ta' Jum id-Drittijiet tal-Bniedem

*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, anke bil-ħsieb tal-Pjan ta' Azzjoni mġedded li jmiss dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija. Il-Kunsill laħaq ukoll qbil fil-prinċipju dwar l-istabbiliment futur ta' reġim ta' sanzjonijiet globali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem.

### 6. Affarijiet oħra

Id-delegazzjoni Ungeriża infurmat lill-Kunsill dwar l-inizjattiva Ungeriża fin-NU għal **Jum Internazzjonali ta' Tifkira għall-Vittmi ta' Dittatorjati Komunisti**.

Id-delegazzjoni Taljana infurmat lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-**Konferenza MED - Djalogi Mediterranji** li saret f'Ruma fil-5-7 ta' Diċembru 2019.

Id-delegazzjoni Irlandiża infurmat lill-Kunsill dwar żjara ministerjali fil-**Lvant Nofsani**.